



Brussell, 3 ta' Lulju 2024  
(OR. en)

10645/24

---

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2023/0265(COD)**

---

**CODEC 1426**  
**TRANS 271**  
**CLIMA 228**  
**ENV 581**  
**COMPET 615**  
**PE 161**

**NOTA TA' INFORMAZZJONI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fil-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżżej massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali  
- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew  
(Strażburgu, mill-11 sal-14 ta' Marzu 2024)

---

**I. INTRODUZZJONI**

Ir-rapporteur, Isabel GARCÍA MUÑOZ (S&D, ES), ippreżentat rapport dwar il-proposta msemmija hawn fuq għal Direttiva fisem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) li kien fih 51 emenda (l-emendi 1 sa 51) għall-proposta.

Barra minn hekk, il-grupp tal-Ħodor/AHE ressaq disa' emendi (l-emendi 52 sa 60) u għadd ta' MPE minn gruppi politiċi differenti ressqu ġumes emendi (l-emendi 61 sa 65).

## **II. VOT**

Meta vvotat fit-12 ta' Marzu 2024, il-plenarja tal-Parlament Ewropew adottat l-emendi 1 sa 51 għall-proposta għal Direttiva. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness ta' dan id-dokument\*.

---

\* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kolloks mal-verżjoni EN.

## **P9\_TA(2024)0126**

### **Piżijiet u dimensjonijiet ta' ċerti vetturi tat-triq**

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2024 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (COM(2023)0445 – C9-0306/2023 – 2023/0265(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0445),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0306/2023),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2023<sup>1</sup>
- wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0047/2024),
  1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

<sup>1</sup> ĠU C, C/2023/895, 6.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/895/oj>.

## **Emenda 1**

### **Proposta għal direttiva Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, jenħtieġ li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-effiċjenza ekonomika, is-sostenibbiltà ambjentali, il-protezzjoni tal-infrastruttura tat-toroq u l-aspetti tas-sikurezza fit-toroq.

*Emenda*

(4) Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, jenħtieġ li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-effiċjenza ekonomika, is-sostenibbiltà ambjentali, il-protezzjoni tal-infrastruttura tat-toroq u l-aspetti tas-sikurezza fit-toroq.  
*Barra minn hekk, biex jiġu żgurati l-koerenza leġiżlattiva u ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li din id-Direttiva tkun allinjata kemm jista' jkun mill-qrib mar-Regolament dwar l-istandards tas-CO2 għal vetturi tqal u d-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(6a) Din id-Direttiva hija maħsuba biex ittejjeb il-kompetiittivitā tas-settur tat-trasport bit-triq billi tippromwovi operazzjonijiet tat-trasport aktar kosteffiċjenti u sostenibbli kif ukoll tinkoraġġixxi l-intermodalità. Għalkemm id-dispożizzjonijiet il-ġodda se jissarrfu fi tnaqqis fil-kilometri misjuqa minn vettura, in-nuqqas akut ta' sewwieqa fl-Unjoni huwa mistenni li jibqa' hemm. Sabiex jiġi indirizzat dan in-nuqqas, huwa fundamentali li jittejbu b'mod urġenti l-kundizzjonijiet tax-xogħol għas-sewwieqa ta' vetturi tqal. In-nuqqas ta' spazji għall-parkeġġ tat-trakkijiet ta' kwalità fl-UE jżid mad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa tat-trakkijiet, li hija problema b'mod speċjali matul vjaġġi għal distanzi twal. Sabiex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni u tittejjeb l-attraenza tas-settur, iż-żieda fid-dimensjonijiet meħtieġa biex jiġu installati teknoloġiji b'emissjonijiet zero fil-vetturi jenħtieġ li ma tkunx għad-*

*detriment ta' spazju tal-kabina suffiċjenti u jenħtieġ li ttejjeb il-kumdità tas-sewvieqa. Meta jkun possibbli, jenħtieġ li jiġu esplorati u incettivati kunċetti li jippermettu spazju addizzjonali fil-kabini għall-installazzjoni ta' faċilitajiet sanitarji abbord.*

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva

##### Premessa 7

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Biex ikunu żgurati fehim komuni u implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali, jeħtieġ jiġi ċċarat li *d-derogi nazzjonali* minn ġerti limiti tal-piżżej u tad-dimensjonijiet massimi permessi għal ċerti tipi ta' vetturi *li jiċċirkolaw fit-traffiku nazzjonali ma jaapplikawx awtomatikament għall-vetturi użati fl-operazzjonijiet transfruntieri.*

###### *Emenda*

(7) Biex ikunu żgurati fehim komuni u implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali, jeħtieġ jiġi ċċarat li *bħalissa hemm derogi speċifiċi, ta' spiss abbażi ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri ġirien*, minn ġerti limiti tal-piżżej u tad-dimensjonijiet massimi permessi għal ċerti tipi ta' vetturi *speċjalizzati li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport, li jenħtieġ li jiġu ppreżervati dment li ma jaffettwawx il-kompetizzjoni internazzjonali.*

### Emenda 4

#### Proposta għal direttiva

##### Premessa 8

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija peżanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat-Trasport Anormali, adottati minn esperti maħtura mill-Istati Membri, ffit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li

###### *Emenda*

(8) It-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli hu segment importanti tas-suq marbut mal-oqsma strateġiċi tal-enerġija rinnovabbli, l-inġinerija ċivili u l-infrastruttura, iż-żejt u l-gass, l-industrija peżanti u s-setturi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Minkejja l-valur rikonoxxut tal-Linji Gwida Ewropej eżistenti dwar l-Aħjar Prattika għat-Trasport Anormali, adottati minn esperti maħtura mill-Istati Membri, ffit li xejn sar progress b'rabta mas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għat-trasport tat-tagħbijiet indiviżibbli. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li

jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejnethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatory, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tīgħi stabilita sistema trasparenti, armonizzata u faċċi għall-utenti biex jinkisbu l-permessi.

jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw it-trasport sikur tat-tagħbijiet indiżibbli fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw bejnethom biex jarmonizzaw, sa fejn possibbli, dawk ir-rekwiżiti ħalli tkun evitata l-multiplikazzjoni ta' kundizzjonijiet diverġenti li jaqdu l-istess skop. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-rekwiżiti nazzjonali jkunu proporzjonati u nondiskriminatory, filwaqt li joqogħdu lura milli jimponu rekwiżiti mhux ġustifikati bħall-ħila fil-lingwa nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Biex jonqos il-piż amministrattiv għall-operaturi u jkunu żgurati operazzjonijiet effiċjenti, ġusti u sikuri, hu kruċjali li tīgħi stabilita sistema trasparenti, armonizzata u faċċi għall-utenti biex jinkisbu l-permessi, *li tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE u aċċessibbli faċilment b'mezzi ta' komunikazzjoni elettronika. Dawn il-permessi jenħtieġ li jinħarġu f'format elettroniku, u jkunu bbażati fuq id-dokument ta'Reġistrazzjoni Speċjal Ewropea ta' Trakkijiet u Trejlers (SERT), li għandu l-għan li jarmonizza informazzjoni teknika dwar il-vetturi bħar-reġistrazzjoni ta' trejlers u ta' trejlers modulari. Jenħtieġ li l-operaturi tat-trasport jitħallew iwettqu operazzjonijiet tat-trasport ta' tagħbijiet indiżibbli bl-użu ta' dan id-dokument elettroniku.*

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 9

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Is-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) intużaw u ġew ipprovat għal żmien twil u wrew li huma soluzzjoni interessanti biex titjeb l-effiċjenza ekonomika u enerġētika tal-operazzjonijiet tat-trasport, filwaqt li jkunu żgurati s-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tal-infrastruttura, bis-sahħha tal-konfinament tagħhom għal partijiet adegwati tan-networks tat-toroq. Minħabba l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, l-interessi ekonomiċi differenti, il-ħtiġijiet tat-trasport

##### *Emenda*

(9) Is-Sistemi Modulari Ewropej (EMS) intużaw u ġew ipprovat għal żmien twil u wrew li huma soluzzjoni interessanti biex titjeb l-effiċjenza ekonomika u enerġētika tal-operazzjonijiet tat-trasport, filwaqt li jkunu żgurati s-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tal-infrastruttura, bis-sahħha tal-konfinament tagħhom għal partijiet adegwati tan-networks tat-toroq. Minħabba l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, l-interessi ekonomiċi differenti, il-ħtiġijiet tat-trasport

u l-kapaċitajiet differenti tal-infrastruttura tat-trasport fl-Istati Membri, dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw u jawtorizzaw iċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-territorji tagħhom. Fl-istess ħin, biex joktru l-impatti soċċoekonomiċi u ambjentali pożittivi tal-użu tal-EMS, hu kruċjali li jitneħħew l-ostakli bla bżonn għall-użu tagħhom fl-operazzjonijiet transfruntieri bejn l-Istati Membri ġirien li jippermettu dawn il-kombinazzjonijiet tal-vetturi fit-territorji tagħhom, mingħajr limitazzjoni fl-għadd ta' fruntieri li maqsuma **diment** li jkunu konformi mal-piżiġiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati għall-EMS stabbiliti mill-Istati Membri fit-territorji rispettivi tagħhom. Dan biex ikun żgurat li l-EMS użata fl-operazzjonijiet transfruntieri tkun konformi mal-inqas limitu komuni tal-piżiġiet u d-dimensjonijiet għall-EMS applikabbli f'dawk l-Istati Membri. Fl-interessi tas-sikurezza tal-operazzjonijiet, tat-trasparenza u taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għaċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali, **inkluż l-ghotita'** informazzjoni ċara dwar il-limiti tal-piżiġiet u d-dimensjonijiet għall-EMS **u** dwar partijiet tan-network tat-toroq kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet ta' tali vetturi, **u l-monitoraggħ tal-impatti** tal-użu tal-EMS fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq is-sehem modali.

u l-kapaċitajiet differenti tal-infrastruttura tat-trasport fl-Istati Membri, dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jivvalutaw u jawtorizzaw iċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-territorji tagħhom. **Qabel ma jawtorizzaw l-EMS, jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu minn qabel valutazzjoni tal-impatt possibbli tagħhom għal rotot ġodda fuq is-sikurezza fit-toroq, l-infrastruttura, il-kooperazzjoni modali, il-bidla modali u l-ambjent.** Fl-istess ħin, biex joktru l-impatti soċċoekonomiċi u ambjentali pożittivi tal-użu tal-EMS, hu kruċjali li jitneħħew l-ostakli bla bżonn għall-użu tagħhom fl-operazzjonijiet transfruntieri bejn l-Istati Membri ġirien li jippermettu dawn il-kombinazzjonijiet tal-vetturi fit-territorji tagħhom, mingħajr limitazzjoni fl-għadd ta' fruntieri li maqsuma **dment** li jkunu konformi mal-piżiġiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati għall-EMS stabbiliti mill-Istati Membri fit-territorji rispettivi tagħhom. Dan biex ikun żgurat li l-EMS użata fl-operazzjonijiet transfruntieri tkun konformi mal-inqas limitu komuni tal-piżiġiet u d-dimensjonijiet għall-EMS applikabbli f'dawk l-Istati Membri. Fl-interessi tas-sikurezza tal-operazzjonijiet, tat-trasparenza u taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għaċ-ċirkolazzjoni tal-EMS fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali.

**Jenħtieġ li dawn il-kundizzjonijiet jiżguraw fost l-oħra rajn li l-EMS tiċċirkola fuq toroq fejn tīgi għgarantita s-sikurezza tal-utenti tat-triq vulnerabbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdū informazzjoni ċara dwar il-limiti tal-piżiġiet u d-dimensjonijiet għall-EMS **u** dwar partijiet tan-network tat-toroq kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet ta' tali vetturi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' monitoraggħ biex jevalwaw l-impatti tal-użu tal-EMS fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq is-sehem modali. Id-definizzjoni ċara tal-EMS f'din id-Direttiva tiggħarantixxi li l-EMS huma magħmula minn unitajiet ta' vetturi standard biex tīgi żgurata l-kompatibbiltà ma' modi oħra ta' trasport, b'mod partikolari dak ferrovjarju. Biex it-tranżizzjoni għal mobbiltà b'emissjonijiet zero titmexxa b'mod effettiv, jenħtieġ li l-EMS involuti fit-traffiku internazzjonali, meta jkun fattibbli mill-aspetti tekniku u operazzjonali, jkunu magħmula minn**

*vetturi b'emmisionijiet zero jew  
kombinazzjonijiet ta' vetturi.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal direttiva Premessa 9a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(9a) Sabiex jiġu massimizzati s-sikurezza fit-toroq u l-kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa, huwa importanti li jiġi żgurat li s-sewwieqa tal-EMS ikollhom taħriġ adegwat u l-kwalifikasi meħtieġa għall-immanigħjar ta' vetturi itqal u itwal u kombinazzjonijiet ta' vetturi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu rekwiżiti minimi jew skema ta' ċertifikazzjoni għal sewwieqa tal-EMS. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti li jiżguraw it-trattament ugħali u n-nondiskriminazzjoni tas-sewwieqa u l-operaturi tal-EMS, jenħtieġ li l-Istati Membri jiggarrantixxu li dawn iċ-ċertifikazzjonijiet ikunu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kkonċernati.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10a) Ir-regoli armonizzati l-għodda għall-EMS fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali fl-Istati Membri li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tagħhom jenħtieġ li jinvolvu l-ġbir ta' data dwar is-sikurezza fit-toroq f'dawk l-Istati Membri, inkluż il-perċentwali ta' fatalitajiet u korimenti minn ħabtiet. Filwaqt li jitqies li l-utenti tat-triq vulnerabbli jammontaw għal kważi terz tal-imwiet f'ħabtiet li jinvolvu vetturi tqal, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-EMS ma jitħallewx jaġid negattiv is-sikurezza fit-toroq, b'mod partikolari s-sikurezza ta' utenti tat-triq vulnerabbli bħal persuni mixjin u ċiklisti kif ukoll sewwieqa tal-muturi u*

*persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà u orjentazzjoni mnaqqs.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 11**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) It-trasport tat-tagħbijiet indi viċċibbi mwettaq b'vetturi jew b'kombinazzjonijiet ta' vetturi li jaqbżu l-piżżejjiet jew id-dimensjonijiet massimi u l-użu tal-EMS, minħabba l-ħtiġijiet tagħhom għal karatteristiċi tas-sikurezza addizzjonali u għal infrastruttura xierqa, jeżiġu li tingħata attenzjoni speċjali lil elementi bħat-trasparenza tal-informazzjoni rilevanti, iċ-ċertezza legali u l-armonizzazzjoni tal-proċessi tal-permessi. Għalhekk, l-Istati Membri jeħtieġ jistabbilixxu sistema elettronika unika tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li tipprovd i-

informazzjoni rilevanti kollha rigward il-kundizzjonijiet operazzjonali u amministrattivi għat-trasport tat-tagħbijiet indi viċċibbi u għall-użu tal-EMS, b'mod ċar u aċċessibbli faċilment. Jenħtieġ li din is-sistema nazzjonali tippermetti wkoll lill-operatori jiksbu l-informazzjoni u jissottomettu l-applikazzjoni b'mod elettroniku, b'format standardizzat, għall-permessi speċjali tat-trasport tat-tagħbijiet indi viċċibbi fl-Istat Membru kkonċernat.

##### *Emenda*

(11) It-trasport tat-tagħbijiet indi viċċibbi mwettaq b'vetturi jew b'kombinazzjonijiet ta' vetturi li jaqbżu l-piżżejjiet jew id-dimensjonijiet massimi u l-użu tal-EMS, minħabba l-ħtiġijiet tagħhom għal karatteristiċi tas-sikurezza addizzjonali u għal infrastruttura xierqa, jeżiġu li tingħata attenzjoni speċjali lil elementi bħat-trasparenza tal-informazzjoni rilevanti, iċ-ċertezza legali u l-armonizzazzjoni tal-proċessi tal-permessi. Għalhekk, l-Istati Membri jeħtieġ jistabbilixxu sistema elettronika unika tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li tipprovd i-

informazzjoni rilevanti kollha rigward il-kundizzjonijiet operazzjonali u amministrattivi għat-trasport tat-tagħbijiet indi viċċibbi u għall-użu tal-EMS, b'mod ċar u aċċessibbli faċilment. Jenħtieġ li din is-sistema nazzjonali tippermetti wkoll lill-operatori jiksbu l-informazzjoni u jissottomettu l-applikazzjoni b'mod elettroniku, b'format standardizzat, **tal-UE** għall-permessi speċjali tat-trasport tat-tagħbijiet indi viċċibbi fl-Istat Membru kkonċernat. **Barra minn hekk, jenħtieġ li dik is-sistema nazzjonali tipprovd informazzjoni dwar il-piżżejjiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fil-livell nazzjonali tal-vetturi u tal-kombinazzjonijiet ta' vetturi, informazzjoni dwar restrizzjonijiet possibbli, b'mod partikolari dwar l-għoli.** Sabiex jiġi żgurat li l-operatori u c-ċittadini jkunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni rilevanti kollha f'post wieħed apposta, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi portal web Ewropew speċifiku li jgħaqqa qid is-sistemi elettroniċi u ta' komunikazzjoni nazzjonali u li jipprovd, fost l-oħrajn, ħarsa ġenerali ċara, f'forma grafika, tat-toroq li fihom l-EMS, u, meta jkun disponibbli, vetturi li jittrasportaw tagħbijiet indi viċċibbi, huma awtorizzati jiċċirkolaw fl-Istat Membri rilevanti, sa-mhux aktar tard minn [6 xħur wara d-

*data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva].*

**Emenda 9**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 12**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(12) L-ostakli artifiċjali għat-trasport transfruntier tat-trakkijiet itqal użati primarjament għat-trasport fuq distanzi twal (bħal kombinazzjonijiet ta' vetturi b'5 u 6 fusien) jenħtieġ li jitneħħew b'mod armonizzat biex jittieħed vantaġġ fl-immedja mill-effiċjenza operazzjonali, enerġetika u ambjentali marbuta mal-kapaċitā akbar tat-tagħbiha mogħtija mill-Istati Membri, inkluż għat-trasport intermodali. Biex it-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero titmexxa b'mod effettiv, l-użu ta' dawn it-trakkijiet itqal li jaħdmu bil-fjuwils fossili jeħtieġ jitneħħha gradwalment, mill-2035, ***meta l-penetrazzjoni*** fis-suq tal-HDVs b'emissjonijiet żero ***hi proġettata li tiżdied ġmielha sa madwar 50% tar-reġistrazzjonijiet ġodda tal-HDVs.*** Wara t-tnejħħija gradwali, jenħtieġ li t-trakkijiet itqal ikomplu jitħallew fit-traffiku nazzjonali, filwaqt li fit-traffiku internazzjonali jenħtieġ li jikkonformaw mal-piżżejjiet massimi awtorizzati stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 96/53/KE, li jillimita l-kwota tal-piż addizzjonali għall-vetturi bl-emissjonijiet żero u għall-vetturi involuti fl-operazzjonijiet tat-trasport intermodali.

*Emenda*

(12) L-ostakli artifiċjali għat-trasport transfruntier tat-trakkijiet itqal użati primarjament għat-trasport fuq distanzi twal (bħal kombinazzjonijiet ta' vetturi b'5 u 6 fusien) jenħtieġ li jitneħħew b'mod armonizzat biex jittieħed vantaġġ fl-immedja mill-effiċjenza operazzjonali, enerġetika u ambjentali marbuta mal-kapaċitā akbar tat-tagħbiha mogħtija mill-Istati Membri, inkluż għat-trasport intermodali. Biex it-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero titmexxa b'mod effettiv ***u jiġu massimizzati l-effetti tal-liġi ambientali eżistenti rilevanti***, l-użu ta' dawn it-trakkijiet itqal li jaħdmu bil-fjuwils fossili jeħtieġ jitneħħha gradwalment, mill-2035, ***biex tissahħħah iċ-ċertezza legali għall-investimenti u biex titheggex aktar il-penetrazzjoni*** fis-suq tal-HDVs b'emissjonijiet żero ***aktar effiċjenti.*** Wara t-tnejħħija gradwali, jenħtieġ li t-trakkijiet itqal ikomplu jitħallew fit-traffiku nazzjonali, filwaqt li fit-traffiku internazzjonali jenħtieġ li jikkonformaw mal-piżżejjiet massimi awtorizzati stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 96/53/KE, li jillimita l-kwota tal-piż addizzjonali għall-vetturi bl-emissjonijiet żero u għall-vetturi involuti fl-operazzjonijiet tat-trasport intermodali.

**Emenda 10**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 14**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(14) It-trasportaturi tal-vetturi ***b'korpi*** miftuħa għandhom potenzjal limitat ħafna li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom

*Emenda*

(14) It-trasportaturi tal-vetturi, ***li ħafna minn-hom għandhom korpi*** miftuħa, għandhom potenzjal limitat ħafna li

b'ajrudinamika aħjar. Regoli nazzjonali diverġenti dwar l-isporġenza ***tax-tagħbijiet*** fuq it-trasportaturi tal-vetturi jikkawżaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jillimitaw ġmielu l-potenzjal tagħhom li jtejbu l-effiċjenza operazzjonali u l-prestazzjoni tal-enerġija fit-traffiku internazzjonali. Għalhekk, ir-regoli dwar l-isporġenza tat-tagħbijiet tat-trasportaturi tal-vetturi ***b'korpi miftuħa*** jeħtieġ jiġu armonizzati biex ikun żgurat li dawn l-objettivi jintlaħqu kif suppost.

jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom b'ajrudinamika aħjar. Regoli nazzjonali diverġenti dwar l-isporġenza ***tat-tagħbijiet*** fuq it-trasportaturi tal-vetturi jikkawżaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jillimitaw ġmielu l-potenzjal tagħhom li jtejbu l-effiċjenza operazzjonali u l-prestazzjoni tal-enerġija fit-traffiku internazzjonali. Għalhekk, ir-regoli dwar l-isporġenza tat-tagħbijiet tat-trasportaturi tal-vetturi jeħtieġ jiġu armonizzati biex ikun żgurat li dawn l-objettivi jintlaħqu kif suppost.

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 15

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Il-vetturi tqal b'kabini elongati bdew deħlin fis-suq, flimkien ma' sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero. Meta jintużaw sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero, skont xi tkun it-teknoloġija, ikun hemm bżonn spazju addizzjonali li ma jingħaddx għad-detriment tat-tagħbija effettiva tal-vettura, biex b'hekk is-settur tat-trasport bit-triq bl-emissjonijiet żero ma jiġix penalizzat mil-lat ekonomiku. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi ċċarar li l-eċċess fit-tulijiet massimi previsti għall-kabini elongati jista' jkun tali li jipprovd i-l-ispazju meħtieġ biex tīgħi akkomodata teknoloġija bl-emissjonijiet żero, bħal batteriji u tankijiet tal-idroġenu, ***diment*** li l-karatteristiċi tas-sikurezza, tal-effiċjenza u tal-kumdità tal-kabini ajrudinamiċi ma jiġux ipperikolati.

##### *Emenda*

(15) Il-vetturi tqal b'kabini elongati bdew deħlin fis-suq, flimkien ma' sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero. Meta jintużaw sistemi tal-propulsjoni bl-emissjonijiet żero, skont xi tkun it-teknoloġija, ikun hemm bżonn spazju addizzjonali li ma jingħaddx għad-detriment tat-tagħbija effettiva tal-vettura, biex b'hekk is-settur tat-trasport bit-triq bl-emissjonijiet żero ma jiġix penalizzat mil-lat ekonomiku. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi ċċarar li l-eċċess fit-tulijiet massimi previsti għall-kabini elongati jista' jkun tali li jipprovd i-l-ispazju meħtieġ biex tīgħi akkomodata teknoloġija bl-emissjonijiet żero, bħal batteriji u tankijiet tal-idroġenu, ***dment*** li l-karatteristiċi tas-sikurezza, tal-effiċjenza u tal-kumdità tal-kabini ajrudinamiċi ma jiġux ipperikolati, ***u li l-vettura kkonċernata tikkonforma mar-regola taċ-ċirku tat-tidwir***.

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 16a (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(16a) Il-multipliċità ta' marki u sinjalar differenti tal-vetturi fl-Istati Membri tista' toħloq konfużjoni għall-utenti tat-triq u tkun ta' detriment għas-sikurezza fit-toroq fl-Unjoni. Sabiex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, jenħtieġ li tiġi stabbilita tikketta standardizzata tal-UE għat-tul tal-vetturi bil-mutur jew tal-kombinazzjonijiet ta' vetturi użati fl-EMS jew li jiddevjaw minn dimensjonijiet standard fil-livell tal-Unjoni. Dik it-tikketta tal-UE tgħin lill-utenti tat-triq jidentifikaw u jiffamiljarizzaw ruħhom ma' tali vetturi u tnaqqas kwalunkwe riskju li jirriżulta minn restrizzjonijiet ta' viżibbiltà jew punti mhux viżibbli, pereżempju meta jinqabżu tali vetturi twal jew kombinazzjonijiet ta' vetturi.*

#### **Emenda 13**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 16b (ġdida)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(16b) Il-vetturi elettriċi tal-batterija, il-vetturi mgħammrin b'ċellola tal-fjuwil u vetturi oħra li jaħdmu bl-idroġenu għandhom potenzjal qawwi li jiddekarbonizzaw ċerti segmenti tas-settur tat-trasport heavy-duty u l-iżvilupp tagħhom jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ, filwaqt li jitqies il-fatt li kull teknoloġija tħalli impatt fuq l-ambjent. Meta l-elettrifikazzjoni ma tkunx possibbli jew inqas effiċjenti u l-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu ma jkunux xierqa jew kompetittivi f'termini ta' kostijiet, il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika jippermetti li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ma' teknoloġiji oħra li jkunu aktar maturi.*

#### **Emenda 14**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 17**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżiżiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, ***u jekk jagħżlu li jużaw sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq***, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' ***dawn is-sistemi*** fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl.

*Emenda*

(17) L-infurzar effettiv, effiċjenti u konsistenti tar-regoli għandu importanza kbira biex tkun żgurata kompetizzjoni mingħajr distorsjoni bejn l-operaturi, u biex jixxejnu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq u għall-infrastruttura tat-toroq ikkawżati mill-vetturi li jaqbżu b'mod illegali l-piżiżiet jew id-dimensjonijiet applikabbli. Biex il-kontrolli mal-ġenb tat-triq jiġu mmirati aħjar lejn il-vetturi mgħobbija żżejjed, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni ta' ***sistemi awtomatiċi*** fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq, ***inkluż dawk ċertifikati fuq in-network ewljeni TEN-T***. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jintuża tagħmir ta' ponderazzjoni abbord preċiż u kompletament interoperabbli. Tali sistemi awtomatiċi ċċertifikati jenħtieġ li jkunu kapaċi jagħrfu vetturi jew kombinazzjoni jiet ta' vetturi li jaqbżu l-piżiżiet massimi awtorizzati, iż-żda jkollhom deroga għal dan ibbażata fuq permess validu speċjali jew arranġament simili.*** ***Jenħtieġ li s-sistemi jkunu kapaċi jidentifikaw jekk hux qed jintlaħqu r-rekwiżiti tal-permessi speċjali. Dan huwa mistenni li jevita penali mhux ġustifikati u jiffranka kostijiet amministrattivi kemm għall-operaturi kif ukoll għall-Istati Membri.*** Barra minn hekk, għall-affidabbiltà u l-konsistenza tal-infurzar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-livell minimu obbligatorju tal-kontrolli li jridu jagħmlu l-Istati Membri jiġi stabbilit bi proporzjon mal-livell tat-traffiku fit-territorji tagħhom mill-vetturi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż għadd xieraq ta' kontrolli tul il-ħinijiet ta' billejl.

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 18**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(18) Biex ikomplu jiżdiedu l-infurzar u l-

*Emenda*

(18) Biex ikomplu jiżdiedu l-infurzar u l-

monitoraġġ taċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi tqal fit-toroq tal-Unjoni, inaqqsu l-konġestjoni, itejbu s-sikurezza fit-toroq, inaqqsu r-riskji ta' ħsara fl-infrastruttura u jippromwovu operazzjonijiet tat-trasport sostenibbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħeġġu jistabbilixxu skemi għall-Politika tal-Aċċess Intelliġenti li jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar il-piżiġiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati. ***Meta jistabbilixxu dawn l-iskemi***, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw rekwiżiti komuni minimi biex jiżguraw l-armonizzazzjoni u l-interoperabbiltà madwar ***l-UE***, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà u l-format tad-data rilevanti li trid tiġi skambjata. Jenħtieġ li l-iskemi jgħinu biex ikun żgurat li l-vettura t-tajba bil-merkanzija t-tajba topera fit-triq it-tajba u fil-ħin it-tajjeb ħalli jkun żgurat impatt minimu fuq l-ambjent, l-infrastruttura, is-saħħha u s-sikurezza tal-bniedem, u s-soċjetà. Jenħtieġ li l-istabbiliment ta' dawn l-iskemi jkun juża sistemi avvanzati tat-trasport intelliġenti, bħall-komunikazzjoni bejn il-vetturi u l-infrastruttura, il-komunikazzjoni bejn il-vetturi u n-network, il-kondiżjoni tad-data fil-ħin reali u l-monitoraġġ mill-bogħod, biex ikun żgurat traffiku sikur u bla xkiel tal-vetturi tqal, u jenħtieġ li dawn ma jwasslux għal restrizzjonijiet sproporzjonati jew diskriminatorji tat-traffiku.

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva Premessa 18a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(18a) L-infurzar tad-Direttiva 96/53/KE huwa parti essenzjali mis-sistemi stabiliti sew ta' monitoraġġ u infurzar fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-regoli soċċjali, tekniċi u tas-suq tal-Unjoni applikabbi għat-trasport bit-triq. Meta jiġi identifikat nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-piżiġiet u d-**

*dimensjonijiet preskritt, għandhom jittieħdu azzjonijiet ta' infurzar mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.*  
*Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-penali ma jkunux diskriminatorji kemm fir-rigward tat-tipi ta' penali magħżula kif ukoll tal-livelli tagħhom, u li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati għall-gravità tal-ksur imwettaq. Dak il-ksur jenħtieġ li jiġi rreġistrat fir-reġistru nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq, skambjat permezz tar-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU) u rifless fil-punteggie tar-riskju tal-impriżi f'konformità mar-Regolament 1071/2009. Huwa mistenni li l-implimentazzjoni transfruntiera tas-sanzjonijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/53/KE se tiġi ffaċilitata permezz tal-emdar tad-Direttiva 2015/413 dwar l-Infurzar Transkonfinali.*

### **Emenda 17**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 18b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(18b) Sabiex isir progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jkun hemm konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissionijiet ta' gassijiet serra mis-settur tat-trasport, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jużaw id-dħul iġġenerat mill-penali applikabbi għall-ksur ta' din id-Direttiva, jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju ta' dak id-dħul, biex jappoġġaw l-użu ta' mezzu tat-trasport sostenibbli u b'hekk jimmītigaw il-kostijiet esterni ġġenerati mill-operazzjonijiet tat-trasport, jinkoraġġixxu l-intermodalità, u jżidu s-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet tat-trasport transfruntier.*

## **Emenda 18**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Biex jiġi promoss it-tkabbir tas-sistema tat-trasport multimodali, it-trasport bil-kontejners jenħtieġ li jiġi ffaċilitat aktar billi jkun permess għoli addizzjonali għall-vetturi tat-triq ħalli jġorru **kontejners b'kubatura għolja.**

*Emenda*

(19) Biex jiġi promoss it-tkabbir tas-sistema tat-trasport multimodali, it-trasport bil-kontejners, *inkluż dawk li jużaw kontejners ta' 45 pied jew 48 pied, kaxxi skambjabbbli ta' 45 pied jew kontejners b'kubu għolji*, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat aktar billi jkun permess għoli **u tul** addizzjonali għall-vetturi tat-triq ħalli jġorru *dawn il-kontejners.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 19a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(19a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-leġiżazzjoni attwali dwar l-approvazzjoni tat-tip sabiex issahħħah il-kompatibbiltà teknika u operazzjonali ta' vetturi tqal ġoddha u ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi, fost l-oħrajn rigward il-piż, il-forma, id-daqs, il-kapaċitā tagħhom li jinġarru bi krejn, u r-ritrattibbiltà l-kapaċitā ta' tiwi ta' apparat li jisporġi 'l-barra, mar-rekwiżiti ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, kif ukoll biex jiffaċilitaw l-użu u l-adozzjoni ta' trejlers u semitrejlers b'emissjonijiet zero;*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 21**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Biex is-settur tat-trasport bit-triq ikun jista' jirrispondi malajr għal xi kriżi, bħal diżzastru naturali, pandemiji, kunflitti militari jew fallimenti fl-infrastruttura, hemm bżonn tiddahħhal klawżola ta' emerġenza fid-Direttiva 96/53/KE, li temporanjamment tippermetti ċ-ċirkolazzjoni

*Emenda*

(21) Biex is-settur tat-trasport bit-triq ikun jista' jirrispondi malajr għal xi kriżi, bħal diżzastru naturali, pandemiji, kunflitti militari jew fallimenti fl-infrastruttura, hemm bżonn tiddahħhal klawżola ta' emerġenza fid-Direttiva 96/53/KE, li temporanjamment tippermetti ċ-ċirkolazzjoni

tal-vetturi tqal li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi permessi, biex ikun żgurat il-forniment kontinwu tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa. Jenħtieġ li tali klawżola eċċeazzjonal tiġi applikata biss meta l-interess pubbliku jkun jeħtieġha, ***u diment*** li s-sikurezza fit-toroq ma tiġix b'hekk ipperikolata.

tal-vetturi tqal li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi permessi, biex ikun żgurat il-forniment kontinwu tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa. Jenħtieġ li tali klawżola eċċeazzjonal tiġi applikata biss meta l-interess pubbliku jkun jeħtieġha, ***dment*** li s-sikurezza fit-toroq ma tiġix b'hekk ipperikolata ***u t-tiġdid tagħha jenħtieġ li jkun kundizzjonali għall-persistenza tal-kriżi.***

## Emenda 21

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 23

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implementazzjoni biex tistabbilixxi formola tal-applikazzjoni standard u komuni u tarmonizza r-regoli u l-proċeduri nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi jew arranġamenti simili għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi u li jkunu maħsuba biex iġorru tagħbixx indiżibbi, tistabbilixxi format tar-rapportar standard għall-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi tar-rapportar tagħhom, u tistabbilixxi eċċeazzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni tal-limiti tal-piżijiet u tad-dimensjonijiet użati fit-traffiku internazzjonali bejn l-Istati Membri affettwati minn kriżi. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>45</sup>.

<sup>45</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

##### *Emenda*

(23) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implementazzjoni biex tistabbilixxi formola tal-applikazzjoni standard u komuni ***tal-UE*** u tarmonizza r-regoli u l-proċeduri nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi jew arranġamenti simili għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi u li jkunu maħsuba biex iġorru tagħbixx indiżibbi, tistabbilixxi format tar-rapportar standard għall-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi tar-rapportar tagħhom, u tistabbilixxi eċċeazzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni tal-limiti tal-piżijiet u tad-dimensjonijiet użati fit-traffiku internazzjonali bejn l-Istati Membri affettwati minn kriżi. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>45</sup>.

<sup>45</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implementazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

**Emenda 22**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 23a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(23a) Sabiex jiġu vvalutati l-effettività u l-efċċjenza ta' din id-Direttiva u sabiex jitkejjel il-progress fl-objettivi speċifiċi tagħha, huwa importanti li l-implementazzjoni u l-impatt tagħha jiġu evalwati regolarmen. Għalhekk, jenh tiegħi li l-Kummissjoni tippreżenta rapporti ta' valutazzjoni regolari dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ibbażati fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għall-adozzjoni fis-suq ta' vetturi tqal b'emissjonijiet żero, bħad-disponibbiltà u l-kapaċità ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi xierqa, l-impatt tas-sistema Ewropea fuq it-trasport bit-triq kif ukoll tariffi għall-utenti tat-triq differenzjati skont l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> fl-Istatī Membri. Dawn ir-rapporti jenh tiegħi li jkun fihom informazzjoni dettaljata dwar dawn il-kundizzjonijiet abilitanti, u dwar l-evoluzzjoni tat-trasport bit-triq nazzjonali u internazzjonali, l-impatt fuq is-sikurezza fit-toroq u l-infrastruttura tat-toroq, il-bidla modali, l-użu ta' sistemi ta' infurzar intelliġenti, u l-avvanzi teknoloġiċi fit-trasport bit-triq. Barra minn hekk, ir-rapporti jenh tiegħi li jqis u l-iskalabbiltà tal-miżuri fl-allinjament mal-għanijiet fit-tul tad-Direttiva. Abbażi tas-sejbiet f'dawn il-valutazzjoni, jenh tiegħi li r-rapport, meta jkun xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiż-lattiva biex temenda din id-Direttiva u l-obbligi stabbiliti fiha.*

**Emenda 23**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt e**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 14

*Test propos mill-Kummissjoni*

— “vettura li taħdem b’mod alternattiv” għandha tfisser vettura bil-mutur li taħdem kompletament bi fjuwil alternattiv u li ġiet approvata skont il-qafas tar-Regolament (UE) 2018/858;;

*Emenda*

— “vettura li taħdem b’mod alternattiv” għandha tfisser vettura bil-mutur li taħdem kompletament **jew parżjalment** bi fjuwil alternattiv u li ġiet approvata skont il-qafas tar-Regolament (UE) 2018/858;

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafi 2, 3 u 3a (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedura għall-kisba tal-permessi jew ta’ arranġamenti simili għat-trasport tat-tagħbijiet indiżiżibbli tkun bla xkiel, effiċjenti u nondiskriminatory, billi **jimminimizzaw il-piżżejjiet amministrattivi u jevitaw dewmien bla bżonn.**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiżiżibbli jkunu proporzjoni u nondiskriminatory. B’mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalji tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati **mat-trasport** tat-tagħbijiet indiżiżibbli.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedura għall-kisba tal-permessi jew ta’ arranġamenti simili għat-trasport tat-tagħbijiet indiżiżibbli tkun bla xkiel, effiċjenti u nondiskriminatory, billi **jipprovd u formola ta’ applikazzjoni standard komuni tal-UE u billi jimminimizzaw il-piżżejjiet amministrattivi u jevitaw dewmien bla bżonn.**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet li skonthom jinħarġu l-permessi jew arranġamenti simili relatati mat-trasport tat-tagħbijiet indiżiżibbli jkunu proporzjoni u nondiskriminatory. B’mod partikolari, l-Istati Membri għandhom **joħorġu l-permessi jew arranġamenti simili f’format elettroniku u jikkooperaw biex jarmonizzaw aktar l-iskadenzi tal-ħruġ tal-permessi. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll biex jevitaw il-multipliċità tal-marki u tas-sinjalji tal-vetturi, u biex jiffavorixxu l-użu tal-pittogrammi aktar mill-kliem. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jarmonizzaw ir-regoli rilevanti għall-iskorta tat-trasport ta’ tagħbijiet indiżiżibbli, bħal dwar l-użu preskritt, il-marki u s-sinjalji għall-vetturi ta’ skorta.** L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti lingwistiċi relatati **mas-**

*sewwieqa tat-trasport* tat-tagħbijiet indi viżibbli.

**L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vetturi li jġorru tagħbiġiet indi viżibbli juru t-tikketta tal-UE stabbilita fl-Artikolu 10ca.**

## Emenda 25

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-transport li jwettqu ġerti operazzjonijiet tat-transport nazzjonali li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-transport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 **to** 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness I.

L-operazzjonijiet tat-transport għandhom jitqiesu li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-transport jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operazzjonijiet tat-transport isiru fit-territorju ta' Stat Membru minn vetturi speċjalizzati jew kombinazzjonijiet ta' vetturi speċjalizzati f'ċirkostanzi li normalment fihom ma jsirux minn vetturi minn Stati Membri oħra, eż. operazzjonijiet marbuta mal-qtugħ tas-siġar u l-industrija tal-forestrija;

(b) l-Istat Membru li jippermetti li jsiru operazzjonijiet tat-transport fit-territorju tiegħi minn vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fl-Anness I, ikun jippermetti wkoll iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej skont il-paragrafu 4a, biex jinkiseb mill-inqas it-tul tat-tagħbijsa awtorizzat f'dak l-Istat Membru, u biex kull operatur ikun jista'

#### *Emenda*

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi użati għat-transport li jwettqu ġerti operazzjonijiet tat-transport nazzjonali **jew internazzjonali** li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-transport jiċċirkolaw fit-territorju tagħhom **b'piżjiet jew b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fil-punti 1.1, 1.2, 1.3, 1.4 **sa** 1.8, 2, 4.1, 4.2 u 4.4 tal-Anness I.**

L-operazzjonijiet tat-transport għandhom jitqiesu li ma jaffettwawx ġmielha l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-transport jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operazzjonijiet tat-transport isiru fit-territorju ta' Stat Membru minn vetturi speċjalizzati jew kombinazzjonijiet ta' vetturi speċjalizzati f'ċirkostanzi li normalment fihom ma jsirux minn vetturi minn Stati Membri oħra, eż. operazzjonijiet marbuta mal-qtugħ tas-siġar u l-industrija tal-forestrija;

(b) l-Istat Membru li jippermetti li jsiru operazzjonijiet tat-transport fit-territorju tiegħi minn vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati fl-Anness I, ikun jippermetti wkoll iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej skont il-paragrafu 4a, biex jinkiseb mill-inqas it-tul tat-tagħbijsa awtorizzat f'dak l-Istat Membru, u biex kull operatur ikun jista'

jibbenefika minn kundizzjonijiet uguali tal-kompetizzjoni.

jibbenefika minn kundizzjonijiet uguali tal-kompetizzjoni.

## Emenda 26

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4 – paragrafu 4a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4a) L-Istati Membri jistgħu jippermettu ċ-ċirkolazzjoni fit-territorji tagħhom fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali tas-Sistemi Modulari Ewropej soġġetti għall-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, b'mod aċċessibbli u trasparenti, l-informazzjoni relatata mal-piżijiet u d-dimenzjonijiet massimi applikabbli għaċ-ċirkolazzjoni tas-Sistemi Modulari Ewropej fit-territorji tagħhom;
- (b) l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, b'mod aċċessibbli u trasparenti, l-informazzjoni relatata mal-parti tan-network tat-toroq fejn jistgħu jiċċirkolaw is-Sistemi Modulari Ewropej;
- (c) l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konnettivitā tal-parti tan-network fejn is-Sistemi Modulari Ewropej jistgħu

#### *Emenda*

(4a) L-Istati Membri jistgħu jippermettu ċ-ċirkolazzjoni fit-territorji tagħhom fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali tas-Sistemi Modulari Ewropej soġġetti għall-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

*(-a) Għal rotot ġodda tal-EMS, l-Istati Membri għandhom jagħmlu valutazzjoni minn qabel tal-impatt possibbli tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modali, kif ukoll l-impatti ambjentali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq il-qasma modali. Il-valutazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. L-Istati Membri li digħi stabbilew rotot tal-EMS fit-territorju tagħhom fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, ma humiex mitluba jagħmlu valutazzjoni minn qabel għal dawk ir-rotot digħi stabbiliti;*

*(a) l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, b'mod aċċessibbli u trasparenti, l-informazzjoni relatata mal-piżijiet u d-dimenzjonijiet massimi applikabbli għaċ-ċirkolazzjoni tas-Sistemi Modulari Ewropej fit-territorji tagħhom;*

*(b) l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, b'mod aċċessibbli u trasparenti, l-informazzjoni relatata mal-parti tan-network tat-toroq fejn jistgħu jiċċirkolaw is-Sistemi Modulari Ewropej;*

*(c) l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konnettivitā tal-parti tan-network fejn is-Sistemi Modulari Ewropej jistgħu*

jiċċirkolaw fit-territorji tagħhom man-network tat-toroq ta' Stati Membri ġirien li jippermettu wkoll iċ-ċirkolazzjoni tas-Sistemi Modulari Ewropej, biex jippermettu t-traffiku transfruntier;

(d) l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema tal-monitoraġġ u **jivvalutaw l-impatt** tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modal, kif ukoll l-impatti ambientali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq il-qasma modali.

Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprobixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali, **dment** li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom **jinformaw** lill-Kummissjoni meta jkunu jippermettu ċ-ċirkolazzjoni fit-territorji tagħhom tas-Sistemi Modulari Ewropej,;

jiċċirkolaw fit-territorji tagħhom man-network tat-toroq ta' Stati Membri ġirien li jippermettu wkoll iċ-ċirkolazzjoni tas-Sistemi Modulari Ewropej, biex jippermettu t-traffiku transfruntier;

(d) l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema tal-monitoraġġ u **tal-impatt** tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq l-infrastruttura tat-toroq, fuq il-kooperazzjoni modal, **fuq il-volumi tat-traffiku**, kif ukoll l-impatti ambientali tas-Sistemi Modulari Ewropej fuq is-sistema tat-trasport, inkluż l-impatti fuq il-qasma modali, **filwaqt li jqisu l-valutazzjoni ta' qabel imwettqa skont il-punt (-a)**;

(d a) **l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv possibbli fuq is-sikurezza fit-toroq, inkluż is-sikurezza ta' utenti tat-triq vulnerabbli, bħala riżultat tal-użu tas-Sistemi Modulari Ewropej.**

**L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti minimi jew skema ta' ċertifikazzjoni għas-sewwieqa tas-Sistemi Modulari Ewropej, dment li jiżguraw il-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni.** **L-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jirrikonox Xu b'mod reċiproku ċertifikazzjonijiet ta' xulxin.**

Kull meta Stat Membru jippermetti, skont dan il-paragrafu, iċ-ċirkolazzjoni ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali, dan ma jistax jirrifjuta jew jipprobixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-territorju tiegħu ta' Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku internazzjonali, **dment** li tali sistemi ma jkunux jaqbżu l-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi stabbiliti għas-Sistemi Modulari Ewropej fit-traffiku nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom **jinnotifikaw** lill-Kummissjoni meta jkunu jippermettu ċ-ċirkolazzjoni fit-territorji tagħhom tas-Sistemi Modulari Ewropej u **jinfurmawha kif jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (-a) sa (da) ta' dan il-paragrafu.** **Wara tali notifikasi, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, toħroġ rakkomandazzjonijiet lil dawk l-Istati Membri biex tiżgura l-konformità ma'**

*dawn il-kundizzjonijiet. Meta l-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet, l-Istat Membru kkonċernat għandu, fi żmien 6 xhur, jinforma lill-Kummissjoni dwar kif biħsiebu jimplimenta dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u t-tweġibiet mill-Istat Membru għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.*

## **Emenda 27**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova. B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal massimu ta' ħames snin. L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

#### *Emenda*

Għal perjodu limitat taż-żmien, l-Istati Membri jistgħu jippermettu provi ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi għandhom jitħallew iwettqu ċerti operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali jew internazzjonali tul il-perjodu tal-prova ***biss wara li juru li l-attivitajiet ta' trasport fil-mira ma jistgħux jitwettqu bi kwalunkwe forma oħra ta' trasport li toffri benefiċċi ta' sikurezza u ambjentali simili jew superjuri. Irid jintwera li dan ma jkollux impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni intermodali fl-industrija tat-trasport kollha kemm hi.*** B'mod partikolari, il-provi b'Sistemi Modulari Ewropej għandhom ikunu permessi għal massimu ta' ħames snin ***u jistgħu jiġi eddu darba għal massimu ta' tliet snin. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jiġedded prova, għandu jipprovdi ġustifikazzjoni suffiċċenti lill-Kummissjoni.*** L-għadd tal-provi ma għandux ikun limitat. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

## **Emenda 28**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4 – paragrafu 5a

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

5a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10h biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tiddetermina s-settijiet minimi tad-data u l-indikaturi tal-prestazzjoni li jridu jagħtu s-sistemi tal-monitoraġġ stabbiliti mill-Istati Membri kif imsemmi **fil-punt** (d) tal-paragrafu 4a u fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.;

#### *Emenda*

5a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10h biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tiddetermina s-settijiet minimi tad-data u l-indikaturi tal-prestazzjoni li jridu jagħtu ***l-valutazzjonijiet preċedenti u*** s-sistemi tal-monitoraġġ stabbiliti mill-Istati Membri kif imsemmi **fil-punti (-a) u** (d) tal-paragrafu 4a u fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.;

## **Emenda 29**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4a – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(ca) punt ta' aċċess nazzjonali uniku biex tinkiseb informazzjoni, b'mod ċar, aċċessibbli u trasparenti, dwar il-piżżejiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati tal-vetturi, kif ukoll kwalunkwe restrizzjoni, inkluż fuq l-għoli, f'żoni speċifikati jew fuq toroq spċifici.**

## **Emenda 30**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4a – paragrafu 1a (ġdid)

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**1a. Sa /6 xhur wara d-data tat-**

*traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, u minn hemm 'il quddiem timmaniġġja, portal web Ewropew iddedikat u aġġornat, disponibbli fil-lingwi uffiċċiali kollha tal-Unjoni, li jgħaqqad, b'mod ċar, aċċessibbli u trasparenti, is-sistemi elettroniċi u ta' komunikazzjoni nazzjonali, imsemmija fil-paragrafu 1. Dan il-portal Ewropew għandu jagħmel disponibbli għall-pubbliku, b'mod aċċessibbli u trasparenti, il-partijiet tan-network tat-toroq fejn jistgħu jiċċirkolaw is-Sistemi Modulari Ewropej, u, meta disponibbli, fejn jistgħu jiċċirkolaw il-vetturi li jittransportaw tagħbiġiet indiviżibbli.*

### **Emenda 31**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 4a – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni **tista'** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni standard komuni u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2).

#### *Emenda*

2. Il-Kummissjoni **għandha** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu formola tal-applikazzjoni **tal-permessi** standard komuni **tal-UE** u li jarmonizzaw ir-regoli u l-proċeduri, **inkluż i-informazzjoni rigward ir-reġistrazzjoni tal-vetturi meħtieġa, għall-ħruġ, inkluż f'format diġitali**, tal-permessi nazzjonali jew arranġamenti simili msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4(3), **kif ukoll tarmonizza r-regoli rilevanti għall-iskorta ta' trasport ta' tagħbiġiet indiviżibbli**. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10i(2).

## Emenda 32

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt aa (ġdid)

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 6 – paragrafu 4

*Test fis-seħħ*

4. Vetturi li jkollhom prova ta' konformità **jistgħu** ikunu soġġetti:  
— fejn għandhom x'jaqsmu l-istandardi komuni dwar il-piżijiet, għal spezzjonijiet bl-addoċċ;  
— fejn għandhom x'jaqsmu l-istandardi komuni dwar id-dimensjonijiet, **biss** għal spezzjonijiet fejn hemm suspectt ta' non-konformità ma' din id-Direttiva.

*Emenda*

**(a a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

- "4. Vetturi li jkollhom prova ta' konformità **għandhom** ikunu soġġetti:  
— fejn għandhom x'jaqsmu l-istandardi komuni dwar il-piżijiet, għal spezzjonijiet bl-addoċċ;  
— fejn għandhom x'jaqsmu l-istandardi komuni dwar id-dimensjonijiet, għal spezzjonijiet fejn hemm suspectt ta' non-konformità ma' din id-Direttiva."

*(Id-Direttiva 96/53/KE)*

## Emenda 33

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 8c

*Test propost mill-Kummissjoni*

Artikolu 8c

It-trasportaturi tal-vetturi **b'korpi miftuħa** jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' reffieda tat-tagħbija **awtorizzati**.

**L-isporġenza jew** ir-reffieda tat-tagħbijsa tat-trasportaturi tal-vetturi ma tistax tisporġi 'l barra meta mqabbla mat-tagħbijsa. It-tagħbijsa tista' tisporġi 'l barra quddiem il-vettura tal-irmonk sa massimu ta' 0,5 metri, **diment** li **I-ewwel fus** tal-vettura trasportata **jkun jistrieħ fuq l-istruttura tat-trejler**. It-tagħbijsa tista'

*Emenda*

Artikolu 8c

It-trasportaturi tal-vetturi jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I waqt li jkunu mgħobbija, sa total ta' 20,75 metru, bl-użu ta' **reffieda tat-tagħbijsa, bħal** reffieda tat-tagħbijsa **estendibbli**.

Ir-reffieda tat-tagħbijsa tat-trasportaturi tal-vetturi ma tistax tisporġi 'l barra meta mqabbla mat-tagħbijsa **li tisporġi**. It-tagħbijsa tista' tisporġi 'l barra quddiem il-vettura tal-irmonk sa massimu ta' 0,5 metri, **dment** li **I-fusijiet kollha** tal-vettura trasportata **jkun jistrieħ fuq l-istruttura tal-vettura**. It-tagħbijsa tista' tisporġi 'l

tisporġi 'l barra minn wara sa massimu ta' 1,5 metri, **diment** li ***l-aħħar*** fus tal-vettura trasportata jkun jistrieħ fuq ***l-istruttura tat-trejler.***;

### Emenda 34

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, **diment** li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika **u** prestazzjoni tas-sikurezza aħjar. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont dan l-Artikolu jista' jintuża wkoll biex tīgi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b'dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċită tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi.

#### *Emenda*

1. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2018/858 jistgħu jaqbżu t-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I ta' din id-Direttiva, **dment** li l-kabini tagħhom jipprovdu prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika, prestazzjoni tas-sikurezza **u kumdità tas-sewwieq** aħjar. Kull eċċess fit-tulijiet massimi permessi skont dan l-Artikolu jista' jintuża wkoll biex tīgi installata teknoloġija bl-emissjonijiet żero. Il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi attrezzati b'dawn il-kabini għandhom ikunu konformi mal-punt 1.5 tal-Anness I ta' din id-Direttiva u kull qbiż fit-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fil-kapaċită tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi.

### Emenda 35

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10b – paragrafu 2 – subparagrafu 1

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

It-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I għall-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, inkluż il-vetturi bl-

#### *Emenda*

It-tulijiet massimi stipulati fil-punt 1.1 tal-Anness I għall-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, inkluż il-vetturi bl-

emissjonijiet żero, jistgħu jinqabżu bit-tul addizzjonal meħtieġ biex tiġi akkomodata t-teknoloġija bl-emissjonijiet żero,  
**b'massimu ta' 90cm**, biex ikunu jistgħu jiżdiedu dawk l-apparati. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero għandhom jikkonformaw mal-punti 1.5 u 1.5a tal-Anness I ta' din id-Direttiva, u kull qbiż tat-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fit-tul tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi, biex tkun żgurata l-kompatibbiltà tat-trejlers u tas-semitrejlers mar-rekwiżiti għall-operazzjonijiet tat-trasport intermodali.

emissjonijiet żero, jistgħu jinqabżu bit-tul addizzjonal meħtieġ biex tiġi akkomodata t-teknoloġija bl-emissjonijiet żero biex ikunu jistgħu jiżdiedu dawk l-apparati. Dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi bl-emissjonijiet żero għandhom jikkonformaw mal-punti 1.5 u 1.5a tal-Anness I ta' din id-Direttiva, u kull qbiż tat-tulijiet massimi ma għandux jikkawża żieda fit-tul tat-tagħbija ta' dawk il-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi, biex tkun żgurata l-kompatibbiltà tat-trejlers u tas-semitrejlers mar-rekwiżiti għall-operazzjonijiet tat-trasport intermodali.

### Emenda 36

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10c – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

***It-tulijiet massimi stipulati*** fil-punt 1.1 tal-Anness I, ***soġġetti*** meta applikabbli għall-Artikoli 9a(1) u 10b(2), u d-distanza massima stipulata fil-punt 1.6 tal-Anness I, ***jistgħu jinqabżu bi 15cm għall-vetturi jew għall-kombinazzjonijiet tal-vetturi involuti fit-trasport tal-kontejners ta' 45 pied jew tal-kaxxi skambjabbbi ta' 45 pied, vojta jew mgħobbija, diment li t-trasport bit-triq tal-kontejner jew tal-kaxxa skambjabbbi inkwistjoni jkun parti minn operazzjoni tat-trasport intermodali.;***

*Emenda*

***Fil-każ ta' vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li jwettqu operazzjoni tat-trasport intermodali, it-tul massimu stipulat*** fil-punt 1.1 tal-Anness I ***għal-vettura artikolata, soġġett*** meta applikabbli għall-Artikoli 9a(1) u 10b(2), ***għandu jkun ta' 18-il metru*** u d-distanza massima stipulata fil-punt 1.6 tal-Anness I ***għandha tkun ta' 13,5-il metru;***

### Emenda 37

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġidid)

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10ca (ġidid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(12a) jiddaħħal l-Artikolu 10ca li  
ġej:**

**Artikolu 10ca**

1. *Sabiex tiżdied is-sikurezza fit-toroq u tiġi evitata multipliċità ta' mmarkar u sinjalar tal-vetturi, hija stabilita għalhekk tikketta waħda tal-UE għat-tul ta' vetturi bil-mutur jew kombinazzjonijiet ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni użati f'operazzjonijiet tal-EMS jew b'dimensjonijiet li jiddevjaw minn dawk stabiliti fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 sa 1.8, 4.2 u 4.4 tal-Anness I.*

2. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vetturi bil-mutur jew il-kombinazzjonijiet kollha ta' vetturi msemmija fil-paragrafu 1 juru b'mod ċar u viżibbli t-tikketta tal-UE fuq wara tal-vettura bil-mutur jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi tagħhom.*

3. *Sa [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 10h biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi standards, rekwiżiti u dispożizzjonijiet dettaljati oħrajn, għat-tikketti u għall-ħruġ u l-wiri tagħhom, li tiffavorixxi l-użu ta' pittogrammi aktar milli t-test.*

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10d – paragrafu 1

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jidentifikaw vetturi jew kombinazzjonijiet tal-vetturi fiċ-ċirkolazzjoni li **aktarx ikunu qabżu** l-piż massimu awtorizzat **u li, għalhekk,**

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jidentifikaw vetturi jew kombinazzjonijiet tal-vetturi fiċ-ċirkolazzjoni li **jaqbżu** l-piż massimu awtorizzat biex tkun żgurata l-konformità

*jenħtieġ li jiġu vverifikati mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Dawk il-miżuri **jistgħu jittieħdu bl-ghajjnuna ta'** sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastruttura tat-toroq, **jew b'tagħmir tal-użin abbord installat fil-vetturi** f'konformità mal-paragrafu 4.*

*Jekk Stat Membru jagħżeġ li jistabbilixxi sistemi awtomatiċi fl-infrastruttura tat-toroq, **dan għandu jiżgura bħala minimu l-adozzjoni ta'** dawk **is-sistemi fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013\***.*

Stat Membru ma għandux jeżiġi l-installazzjoni tat-tagħmir tal-użin abbord fuq vetturi jew kombinazzjonijiet tal-vetturi li huma rregistrați fi Stat Membru ieħor.

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u għal-liġi nazzjonali, **meta jintużaw sistemi awtomatiċi biex jiġi stabbilit ksur ta' din id-Direttiva u biex jiġu imposti penali, dawk is-sistemi awtomatiċi għandhom jiġu ċċertifikati. Meta s-sistemi awtomatiċi jintużaw biss għal finijiet ta' identifikazzjoni, ma hemmx bżonn li jiġu ċċertifikati.**

mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, *inkluża l-konformità mar-rekwiżiti tal-permessi speċjali*. Dawk il-miżuri **għandhom jinkludu l-istabbiliment ta'** sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastruttura tat-toroq **li jiżguraw bħala minimu l-adozzjoni** f'konformità mar-Regolament (UE) 1315/2013\*. **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi awtomatiċi ċċertifikati tul in-network ewlieni fin-network trans-Ewropew tat-trasport bit-triq definit fir-Regolament (UE) 1315/2013.**

*Minbarra l-użu ta' sistemi awtomatiċi **stabilliti** fl-infrastruttura tat-toroq, **L-Istati Membri jistgħu jidher vetturi jew kombinazzjonijiet ta'** vetturi **fiċ-ċirkolazzjoni li x'aktarx ikunu qabżu l-piżżejjiet massimi awtorizzati permezz ta' tagħmir tal-użin abbord installat fil-vetturi f'konformità mal-paragrafu 4 permezz ta'** kontrolli mal-ġenb tat-triq.*

Stat Membru ma għandux jeżiġi l-installazzjoni tat-tagħmir tal-użin abbord fuq vetturi jew kombinazzjonijiet tal-vetturi li huma rregistrați fi Stat Membru ieħor.

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u għal-liġi nazzjonali, **L-Istati Membri jistgħu jużaw sistemi awtomatiċi biex jimpunu penali rigward ksur ta' din id-Direttiva.**

*Is-sistemi awtomatiċi ċċertifikati għandhom **ikunu konnessi mal-punt tad-dħul nazzjonali uniku għal permessi speċjali** jew **arranggament simili stipulat fl-Artikolu 4a sabiex ikunu jistgħu jirrikonoxxu vetturi jew kombinazzjonijiet ta'** vetturi li jaqbżu l-piżżejjiet massimi awtorizzati u li għandhom permess speċjali, kif ukoll dawk li jaqbżu l-piżżejjiet awtorizzati massimi permessi skont il-permess speċjali.*

## **Emenda 39**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10da

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### **Artikolu 10da**

1. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw skemi għall-Politika tal-Aċċess Intelliġenti (IAP) fit-territorji tagħhom biex jirregolaw, jimmonitorjaw u jiffaċilitaw l-aċċess minn vetturi tqal għal toroq jew żoni speċifiċi.  
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "politika tal-aċċess intelliġenti" għandha tfisser qafas tekniku u funzjonali għall-ġestjoni tal-aċċess tal-vetturi tqal għan-network tat-toroq, permezz tat-telematika, biex tkun żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet.

2. ***Meta Stat Membru jimplimenta l-IAP skont il-paragrafu 1, dan għandu jiżgura li l-iskemi tal-IAP tagħhom ikunu konformi mad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data relatata mal-iskema tal-IAP u li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/40/UE, inkluż ir-restrizzjonijiet fuq il-piż, it-tul, il-wisa' jew l-għoli, tkun disponibbli b'format diġitali li jinqara mill-magni u ssir aċċessibbli mill-Punti tal-Aċċess Nazzjonali stabbiliti skont ir-Regolament Delegat (UE) 2022/670\*\*.***

3. ***Meta Stat Membru jimplimenta l-iskemi tal-IAP skont il-paragrafu 1, dan għandu:***

#### *Emenda*

##### **Artikolu 10da**

1. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw skemi għall-Politika tal-Aċċess Intelliġenti (IAP) fit-territorji tagħhom biex jirregolaw, jimmonitorjaw u jiffaċilitaw l-aċċess minn vetturi tqal għal toroq jew żoni speċifiċi.  
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "politika tal-aċċess intelliġenti" għandha tfisser qafas tekniku u funzjonali għall-ġestjoni tal-aċċess tal-vetturi tqal għan-network tat-toroq, permezz tat-telematika, biex tkun żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet.
2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi tal-IAP tagħhom ikunu konformi mad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data relatata mal-iskema tal-IAP u li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/40/UE, inkluż ir-restrizzjonijiet fuq il-piż, it-tul, il-wisa' jew l-għoli, tkun disponibbli b'format diġitali li jinqara mill-magni u ssir aċċessibbli mill-Punti tal-Aċċess Nazzjonali stabbiliti skont ir-Regolament Delegat (UE) 2022/670\*\*.***  
***L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-iskema tal-IAP hija konnessa mal-punt tad-dħul nazzjonali uniku għal permessi speċjali jew arranggament simili stipulat fl-Artikolu 4a sabiex ikunu jistgħu jirrikonoxxu vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li jaqbżu l-piżijiet u/jew id-dimensjonijiet massimi awtorizzati u li għandhom permess speċjali.***
3. ***Waqt l-implementazzjoni tal-iskemi tal-IAP skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom:***

- (a) jiddefinixxi l-kriterji għall-għoti tal-aċċess għall-vetturi tqal, inkluż iżda mhux limitati għall-piż, it-tul, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-vettura, u l-konformità ma' standards speċifiċi tas-sikurezza;
- (b) jiffavorixxi l-użu ta' sistemi avvanzati tat-trasport intelliġenti biex itejbu s-sikurezza u l-effiċjenza u jnaqqsu l-konġestjoni fl-operazzjonijiet tat-trasport bit-triq affettwati mill-iskemi tal-IAP;
- (c) jistabbilixxi sistema komprensiva tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni biex tinforma lill-operaturi tal-vetturi tqal dwar ir-rekwiżiti tal-iskema tal-IAP, il-proċeduri tal-applikazzjoni, u kull aġġornament jew bidla fl-iskema;

**4. *L-istababiliment tal-iskemi tal-IAP minn Stat Membru ma għandux jagħti lok għal restrizzjonijiet diskriminatorji jew sproporzjonati fuq il-moviment liberu tal-oġġetti u tas-servizzi u ma għandux ixekkel indebitament il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.***

#### **Emenda 40**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10e – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14a) Fl-Artikolu 10e, jiżdied il-paragrafu l-ġdid li ġej:  
L-Istati Membri għandhom ikunu inkoraggiuti biex jużaw id-dħul iġġenerat minn dawn il-penali, jew l-ekwivalenti*

*f'valor finanzjarju ta' dak id-dħul, biex tiġi żviluppata u appoġġata l-adozzjoni mis-suq ta' mezzi ta' trasport sostenibbli, tiġi ffinanzjata l-infrastruttura tagħhom u s-sistemi ta' infurzar intelliġenti, jitħeqġu operazzjonijiet tat-trasport intermodali u tiżied is-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet tat-trasport transfruntier.*

#### **Emenda 41**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10g – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

- (c) l-għadd u l-post tas-sistemi awtomatiċi stabbiliti fl-infrastruttura tat-toroq skont l-Artikolu 10d(1), **u jekk ikunux għal finijiet ta' identifikazzjoni biss jew iċċertifikati għal infurzar dirett;**

##### *Emenda*

- (c) l-għadd u l-post tas-sistemi awtomatiċi stabbiliti fl-infrastruttura tat-toroq skont l-Artikolu 10d(1) iċċertifikati għal infurzar dirett;

#### **Emenda 42**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10g – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafu 1 u, abbażi tal-informazzjoni li tirċievi, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ***l-implementazzjoni*** ta' din id-Direttiva, mhux aktar tard minn ***13-il*** xahar wara li tirċievi l-informazzjoni mingħand l-Istati Membri kollha. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-iżviluppi rilevanti fl-oqsma inkwistjoni.

##### *Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafu 1, u, abbażi tal-informazzjoni li tirċievi, ***toħroġ, meta xieraq, rakkmandazzjonijiet lill-Istati Membri. Meta l-Kummissjoni toħroġ tali rakkmandazzjonijiet, l-Istat Membru kkonċernat għandu, fi żmien 6 xhur mill-ħruġ tagħhom, jinforma lill-Kummissjoni dwar kif biħsiebu jimplimenta dawn ir-rakkmandazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha*** tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ***il-konformità***

**mar-rekwiżiti** ta' din id-Direttiva, mhux aktar tard minn **12-il** xahar wara li tirċievi l-informazzjoni mingħand l-Istati Membri kollha. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-iżviluppi rilevanti fl-oqsma inkwistjoni.

### Emenda 43

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10h – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) fl-Artikolu 10h, ***il-paragrafu 2 huwa sostitwit*** b'dan li ġej:

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija ***fl-Artikolu 4(5a) u 10b(1)*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames (5) snin minn ***/OP insert date of entry into force of this Directive***. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xħur qabel it-tmiem ***tal-perijodu*** ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tīġi estiż-a taċiżament għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux għal dik l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet (3) xħur qabel jintemm kull perjodu.;

#### *Emenda*

(17) fl-Artikolu 10h, ***il-paragrafi 2, 3 u 5 huma sostitwiti*** b'dan li ġej:

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija ***fl-Artikolu 4(5a), l-Artikolu 10b(1) u l-Artikolu 10ca*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames (5) snin minn ***/UP: jekk jogħġibok daħħal id-data tad-dħul fis-sejjha ta' din id-Direttiva***. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xħur qabel it-tmiem ***tal-perijodu*** ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tīġi estiż-a taċiżament għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux għal dik l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet (3) xħur qabel jintemm kull perjodu.;

### Emenda 44

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10h – paragrafu 3

*Test fis-seħħ*

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu **10b** tista' tīgi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa spċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-ġħada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard spċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun digħi fis-seħħ.

*Emenda*

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu **4(5a), l-Artikolu 10b(1) u l-Artikolu 10ca** tista' tīgi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa spċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-ġħada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard spċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun digħi fis-seħħ.”

(*Id-Direttiva 96/53/KE*)

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10h – paragrafu 5

*Test fis-seħħ*

5. Att delegat adottat skont **l-Artikolu 10b** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tīgħix expressa ogħżejjon mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel ma jiskadi dak **il-perjodu**, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin jogħżejjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Emenda*

5. Att delegat adottat skont **l-Artikoli 4(5a), 10b(1) u 10ca** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tīgħix expressa ogħżejjon mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel ma jiskadi dak **il-perjodu**, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin jogħżejjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”

(*Id-Direttiva 96/53/KE*)

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19**

Artikolu 10j

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) *jitħassar* l-Artikolu 10j;

*Emenda*

(19) l-Artikolu 10j *huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*Artikolu 10j*

*Sal-2027, u kull 4 snin minn dakinhār 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni dettaljata tal-evoluzzjoni tat-trasport bit-triq nazzjonali u internazzjonali, inklużi l-karatteristiċi speċifiċi ta' ċerti segmenti tas-suq u l-impatt ta' dik l-evoluzzjoni fuq is-sikurezza fit-toroq, l-infrastruttura tat-toroq, il-funzjonament tas-suq intern tat-trasport bit-triq, il-kompetittività tas-setturi, il-konnettività u l-bidla modali. Ir-rapport jista' jinkorpora elementi mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 10g(2). B'mod partikolari, f'dan ir-rapport il-Kummissjoni għandha tanalizza jekk il-kundizzjonijiet abilitanti meħtieġa għall-adozzjoni fis-suq ta' vetturi tqal b'emissjonijiet żero fl-Unjoni, humiex issodisfati b'mod sodisfaċenti għad-data msemmija fl-Artikolu 4b, il-paragrafu 3. B'mod partikolari, dan ir-rapport għandu jivaluta, fost l-oħrajn, il-kundizzjonijiet abilitanti li ġejjin: l-ammont ta'reġistrazzjoni jiet ta' vetturi tqal b'emissjonijiet żero fl-Istati Membri, id-disponibbiltà u l-kapaċità ta' infrastruttura tal-fjuwils alternativi xierqa u l-impatt tas-sistema Ewropea ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fuq it-trasport bit-triq kif ukoll it-tariffi għall-utenti tat-triq differenzjati skont l-emissjonijiet tas-CO2 fl-Istati Membri. Barra minn hekk, din l-analiżi għandha tivaluta l-kundizzjonijiet abilitanti għall-adozzjoni fis-suq ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew kombinazzjoni jiet ta' vetturi ta' Sistemi Modulari Ewropej involuti fi traffiku internazzjonali f'dawk l-Istati Membri li jippermettu eċ-ċirkolazzjoni tagħhom fit-territorji tagħhom.*

*Barra minn hekk, ir-rapport għandu janalizza l-użu tal-iskemi għall-Politika tal-Aċċess Intelliġenti (IAP) rigward l-infurzar, filwaqt li titqies id-disponibbiltà u l-kosteffiċjenza tagħhom. Barra minn hekk, ir-rapport għandu jinforma dwar l-avvanzi teknoloġiċi fil-qasam tat-trasport bit-triq li huma rilevanti, inkluż rigward teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda u apparat ajrudinamiku, kif ukoll trejlers jew semitrejlers b'teknoloġija b'emissjonijiet zero.*

*Bħala parti minn dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-effettività u l-impatt ta' din id-Direttiva, sa fejn l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva laħqet l-objettivi u l-interazzjoni u l-kompatibbiltà tagħha ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni.*

*Abbażi tas-sejbiet f'dawn il-valutazzjonijiet, ir-rapport għandu, meta xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex temenda din id-Direttiva.*

#### **Emenda 47**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10k – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

F'każ ta' kriżi, meta l-interess pubbliku jkun jeżiġi dan, u **diment** li s-sikurezza fit-toroq ma tigħix perikolata b'dan, l-Istati Membri jistgħu jagħtu eċċezzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni tal-limiti tal-piżiżiet u tad-dimensjonijiet stabbiliti fl-Anness I għall-vetturi użati fit-traffiku nazzjonali, għal perjodu sa xahrejn.

#### *Emenda*

F'każ ta' kriżi, meta l-interess pubbliku jkun jeżiġi dan, u **dment** li s-sikurezza fit-toroq ma tigħix perikolata b'dan, l-Istati Membri jistgħu jagħtu eċċezzjonijiet temporanji mill-applikazzjoni tal-limiti tal-piżiżiet u tad-dimensjonijiet stabbiliti fl-Anness I għall-vetturi użati fit-traffiku nazzjonali, għal perjodu sa xahrejn. **Dan il-perjodu jista' jiġġedded biss meta l-kriżi tibqa' għaddejja.**

## **Emenda 48**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10k – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Kull estensjoni bħal din għandha tkun debitament motivata u tīgi notifikata minnufih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika minnufih l-informazzjoni dwar l-eċċeżżjoni mogħtija fuq is-sit web uffiċjali tagħha.

#### *Emenda*

Kull estensjoni bħal din għandha tkun debitament motivata u tīgi notifikata minnufih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika minnufih l-informazzjoni dwar l-eċċeżżjoni mogħtija fuq is-sit web uffiċjali tagħha **u fuq il-portal web Ewropew speċifiku msemmi fl-Artikolu 4a(1a).**

## **Emenda 49**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20**

Direttiva 96/53/KE

Artikolu 10k – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, kriżi tfisser avveniment eċċeżżjonali, mhux mistenni u għal għarrieda, naturali jew magħmul mill-bniedem ta' natura u bi skala straordinarja li jiġi fl-Unjoni jew barra minnha, b'impatti diretti jew indiretti sinifikanti fuq il-qasam tat-trasport bit-triq jew l-ekonomija jew il-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni, filwaqt li l-funzjonament normali tas-soċjetà jitfixxel b'mod sinifikanti, u l-interess pubbliku jkun ježi li tittieħed azzjoni urġenti.;

#### *Emenda*

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, kriżi tfisser avveniment eċċeżżjonali, mhux mistenni u għal għarrieda, naturali jew magħmul mill-bniedem ta' natura u bi skala straordinarja li jiġi fl-Unjoni jew barra minnha, b'impatti diretti jew indiretti sinifikanti fuq il-qasam tat-trasport bit-triq jew l-ekonomija jew il-benesseri, **inkluż is-sikurezza**, taċ-ċittadini tal-Unjoni, filwaqt li l-funzjonament normali tas-soċjetà jitfixxel b'mod sinifikanti, u l-interess pubbliku jkun ježi li tittieħed azzjoni urġenti.;

**Emenda 50**  
**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [id-data tal-adozzjoni + **sentejn**], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Sta għall-Istati Membri biex jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [id-data tal-adozzjoni + **sena**], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza waqt il-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Sta għall-Istati Membri biex jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

**Emenda 51**  
**Proposta għal direttiva**  
**Anness I – tabella**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. Id-dimensjonijiet massimi awtorizzati tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a)	
1.1 It-tul massimu:	
— vettura bil-mutur minbarra karozza tal-linja	12,00 m
— karru	12,00 m
— vettura artikolata	16,50 m
— ferrovija tat-triq	18,75 m
— karozza tal-linja artikolata	18,75 m
— karozza tal-linja b'żewġ fusien	13,50 m
— karozza tal-linja b'aktar minn żewġ fusien	15,00 m

	— karozza tal-linja + karru	18,75 m
1.2 Il-wisa' massima:		
	(a) il-vetturi kollha ghajir il-vetturi msemmija fil-punt (b)	2,55 m
	(b) superstrutturi ta' vetturi kundizzjonati jew ta' kontejners kundizzjonati jew kaxxi skambjablli trasportati bil-vetturi	2,60 m
1.3 L-għoli massimu:		
	— kull vettura	4,00 m
	— vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li fit-trasport intermodali jġorru kontejner wieħed jew aktar b'għoli estern standard ta' 9'6'' (kontejners b'kubu għoli)	4,30 m
1.4 Is-superstrutturi u l-oġġetti tal-merkanzija standardizzati li jistgħu jitneħħew bħall-kontejners huma inkluż fid-dimensjonijiet speċifikati fil-punti 1.1, 1.2, 1.3, 1.6, 1.7, 1.8 u 4.4.		
1.4a Jekk xi aċċessorji li jistgħu jitneħħew bħal ski-boxes ikunu ffittjati mal-karozza tal-linja, it-tul tagħha, inkluż l-aċċessorji, ma għandux jaqbeż it-tul massimu stabilit fil-punt 1.1.		
1.5 Kull vettura jew kombinazzjoni ta' vetturi bil-mutur li jkunu qed jinstaq għandhom ikunu jistgħu jduru f'ċirku kopert b'rāgg estern ta' 12,50m u b'rāgg intern ta' 5,30m.		
1.5a Rekwiżiti addizzjonalı għall-karozzi tal-linja		
	Bil-vettura wieqfa, għandu jkun stabbilit pjan vertikali tanġenzjali mal-ġenb tal-vettura li jħares 'il barra miċ-ċirku, billi tiġi mmarkata linja fl-art. Fil-każ ta' vettura artikolata, iż-żewġ partijiet riġidi għandhom ikunu allinjati mal-pjan.	
	Meta l-vettura tinstaq dritt ġoż-żona ċirkolari deskritta fil-punt 1.5, l-ebda parti minnha ma għandha toħroġ 'il barra minn dak il-pjan vertikali b'aktar minn 0,60m.	
1.6 Id-distanza massima bejn l-assi tal-pern tal-ħames rota u wara tas-semikarru.		12,00 m
1.7 Id-distanza massima mkejla b'mod paralleli mal-assi lonġitudinali tal-ferrovija tat-triq mill-aktar punt estern fuq quddiem tal-parti tat-tagħbija wara l-kabina sal-aktar punt estern fuq wara tal-karru tal-kombinazzjoni, mingħajr id-distanza bejn il-wara tal-vettura żiemel u quddiem tal-karru.		15,65 m
1.8 Id-distanza massima mkejla b'mod paralleli mal-assi lonġitudinali tal-ferrovija tat-triq mill-aktar punt estern fuq quddiem tal-parti tat-tagħbija wara l-kabina sal-aktar punt estern fuq wara tal-karru tal-kombinazzjoni.		16,40 m

2. Il-piż massimu awtorizzat tal-vetturi		
2.1 Il-vetturi li jkunu parti minn kombinazzjoni tal-vetturi		
2.1.1	Trailer b'żewġ fusien	<b>18</b> tunnellata
	Karru bi tliet fusien	24 tunnellata
2.2 Il-kombinazzjoni tal-vetturi		
2.2.1	Ferroviji tat-triq b'ħames fusien jew sitta	
	(a) vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'karru bi tliet fusien	40 tunnellata
	(b) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'karru b'żewġ fusien jew tlieta	40 tunnellata
2.2.2	Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta	
	(a) vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien	40 tunnellata
	(b) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta	40 tunnellata
	(c) vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali	<b>42</b> tunnellata
	(d) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali	44 tunnellata
2.2.3	ferroviji tat-triq b'erba' fusien li jikkonsitu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusieb u karru b'żewġ fusien	36 tunnellata
2.2.4	Vetturi artikolati b'erba' fusien li jikkonsitu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusien u semikarru b'żewġ fusien, jekk id-distanza bejn il-fusien tas-semikarru:	
2.2.4.1	tkun 1,3m jew aktar, iżda sa 1,8m	36 tunnellata
2.2.4.2	tkun aktar minn 1,8 m	36 tunnellata
	Jekk jiġu rrispettati l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-vettura bil-mutur (18-il tunnellata) u l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-fus tandem tas-semikarru (20 tunnellata), u l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, il-piż massimu awtorizzat previst fil-punt 2.2.4.2 għandu jiżdied b'2 tunnellati.	
Fil-każ tal-kombinazzjoni tal-vetturi, inkluż il-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżżejjiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsima 2.2 għandhom jiżdiedu bil-piż addizzjonal tat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata.		

	Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.1 u 2.2.2 għandhom jiżdiedu b'4 tunnellati.	
	Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.3 u 2.2.4 għandhom jiżdiedu b'2 tunnellati.	
2.3 Il-vetturi bil-mutur		
2.3.1	Vetturi bil-mutur b'żewġ fusien ġħajr il-karozzi tal-linja:	<b>18</b> tunnellata
2.3.2	karozzi tal-linja b'żewġ fusien:	<b>19,5</b> tunnellata
2.3.3	Vetturi bil-mutur bi tliet fusien:	25 tunnellata
2.3.4	Vetturi bil-mutur bi tliet fusien meta l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,5 tunnellati.	26 tunnellata
2.3.5	Vetturi bil-mutur b'erba' fusien u b'żewġ fusien tas-sewqan meta l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,5 tunnellati.	32 tunnellata
2.3.6	Vetturi bil-mutur b'ħames fusien u b'żewġ fusien tas-sewqan meta l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,5 tunnellati.	40 tunnellata
	Fil-każ ta' vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv ġħajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fil-punti 2.3.1, 2.3.3 u 2.3.4 tas-Subtaqsima 2.3 għandhom jiżdiedu bil-piż addizzjonali tat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata (1).	
	Fil-każ tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsima 2.3 għandhom jiżdiedu b'2 tunnellati.	
2.4 Il-karozzi tal-linja artikolati bi tliet fusien		28 tunnellata
	Fil-każ tal-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv ġħajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, <b><i>il-piżi massimu awtorizzat ta' 28 tunnellata previst fis-Subtaqsima 2.4 jiżdied</i></b> bil-piż addizzjonali meħtieġ għat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata.	
	Fil-każ tal-vetturi bl-emissjonijiet żero, <b><i>il-piżi massimu awtorizzat ta' 28 tunnellata previst fis-Subtaqsima 2.4 jiżdied</i></b> b'2 tunnellati.	

3 Il-piż massimu awtorizzat tal-fusien tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (b)		
3.1 Il-fusien singoli		
	Fus singolu mhux tas-sewqan	10 tunnellati
3.2 Il-fusien tandem tal-karrijiet u tas-semikarrijiet		
	It-total tal-piżijiet tal-fus għal kull fus tandem ma għandux jaqbeż, jekk id-distanza (d) bejn il-fusien tkun:	
3.2.1	inqas minn 1m ( $d < 1,0$ )	<b>11</b> tunnellata
3.2.2	bejn 1,0m u inqas minn 1,3m ( $1,0 \leq d < 1,3$ )	<b>16</b> tunnellata
3.2.3	bejn 1,3m u inqas minn 1,8m ( $1,3 \leq d < 1,8$ )	<b>18</b> tunnellata
3.2.4	1,8m jew aktar ( $1,8 \leq d$ )	20 tunnellata
3.3 Il-fusien tripli tal-karrijiet u tas-semikarrijiet		
	It-total tal-piżijiet tal-fusien għal kull fus triplu ma għandux jaqbeż, jekk id-distanza (d) bejn il-fusien tkun:	
3.3.1	1,3m jew inqas ( $d \leq 1,3$ )	21 tunnellata
3.3.2	iktar minn 1,3m u sa 1,4m ( $1,3 < d \leq 1,4$ )	24 tunnellata
3.4 Il-fus tas-sewqan		
3.4.1	Il-fus tas-sewqan tal-vetturi msemmija fil-punti 2.2, 2.3 u 2.4 għajr tal-vetturi bl-emissjonijiet żero	<b>11,5</b> tunnellata
3.4.2	Il-fus tas-sewqan tal-vetturi bl-emissjonijiet żero msemmija fil-punti 2.2.1 u 2.2.2	<b>12,5</b> tunnellata
3.4.3	Il-karozzi tal-linja b'żewġ fusien u bl-emissjonijiet żero	<b>12,5</b> tunnellata
3.5 Il-fusien tandem tal-vetturi bil-mutur		
	It-total tal-piżijiet tal-fus għal kull fus tandem ma għandux jaqbeż, jekk id-distanza (d) bejn il-fusien tkun:	
3.5.1	inqas minn 1m ( $d < 1,0$ )	<b>11,5</b> tunnellata
3.5.2	1,0m jew iktar imma inqas minn 1,3m ( $1,0 \leq d < 1,3$ )	<b>16</b> tunnellata
3.5.3	1,3 m jew aktar iżda inqas minn 1,8 m ( $1,3 \leq d < 1,8$ )	<b>18</b> tunnellata
	Meta l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,5 tunnellati.	<b>19</b> tunnellata
4. Karatteristiċi relatati tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (b)		
4.1 Il-vetturi kollha		

	Il-piż merfugħ mill-fus tas-sewqan jew mill-fusien tas-sewqan ta' vettura jew ta' kombinazzjoni ta' vetturi ma għandux ikun inqas minn 25% tal-piż totali mgħobbi tal-vettura jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, meta użati fit-traffiku internazzjonali.
4.2 Il-ferroviji tat-triq	
	Id-distanza bejn il-fus ta' wara ta' vetura bil-mutur u l-fus ta' quddiem ta' karru ma għandhiex tkun inqas minn 3,00m.
4.3 Il-piż massimu awtorizzat jiddependi <i>fuq il-bażi</i> tar-rota	
	Il-piż massimu awtorizzat f'tunnellati ta' vettura bil-mutur b'erba' fusien ma jistax jaqbeż ħames darbiet id-distanza f'metri bejn l-aktar fus fuq quddiem u l-aktar fus fuq wara tal-vettura.
4.4 Is-semikarrijiet	
	Id-distanza mkejla orizzontalment bejn il-fus tal-pern tal-ħames rota u xi punt fuq quddiem tas-semikarru ma għandhiex taqbeż iż-2,04m

*Emenda*

1. Id-dimensjonijiet massimi awtorizzati tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a)	
1.1 It-tul massimu:	
	— vettura bil-mutur minbarra karozza tal-linja 12,00 m
	— karru 12,00 m
	— vettura artikolata 16,50 m
	— ferrovija tat-triq 18,75 m
	— karozza tal-linja artikolata <i>bi tliet fusien</i> 18,75 m
	— <b><i>karozza tal-linja artikolata b'erba' fusien</i></b> 21,00 m
	— karozza tal-linja b'żewġ fusien 13,50 m
	— karozza tal-linja b'aktar minn żewġ fusien 15,00 m
	— karozza tal-linja + karru 18,75 m
1.2 Il-wisa' massima:	

	(a) il-vetturi kollha għajr il-vetturi msemmija fil-punt (b)	2,55 m
	(b) superstrutturi ta' vetturi kundizzjonati jew ta' kontejners kundizzjonati jew kaxxi skambjabbi trasportati bil-vetturi	2,60 m
1.3 L-ġħoli massimu:		
	— kull vettura	4,00 m
	— vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li fit-trasport intermodali jġorru kontejner wieħed jew aktar b'għoli estern standard ta' 9'6" (kontejners b'kubu għoli)	4,30 m
1.4 Is-superstrutturi u l-oġġetti tal-merkanzija standardizzati li jistgħu jitneħħew bħall-kontejners huma inkluż fid-dimensjonijiet speċifikati fil-punti 1.1, 1.2, 1.3, 1.6, 1.7, 1.8 u 4.4.		
1.4a Jekk xi aċċessorji li jistgħu jitneħħew bħal ski-boxes ikunu ffittjati mal-karozza tal-linja, it-tul tagħha, inkluż l-aċċessorji, ma għandux jaqbeż it-tul massimu stabilit fil-punt 1.1.		
1.5 Kull vettura jew kombinazzjoni ta' vetturi bil-mutur li jkunu qed jinstaq għandhom ikunu jistgħu jduru f'ċirku kopert b'rāgg estern ta' 12,50m u b'rāgg intern ta' 5,30m.		
1.5a Rekwiżiti addizzjonali għall-karozzi tal-linja		
	Bil-vettura wieqfa, għandu jkun stabbilit pjan vertikali tanġenzjali mal-ġenb tal-vettura li jħares 'il barra miċ-ċirku, billi tīgħi mmarkata linja fl-art. Fil-każ ta' vettura artikolata, iż-żeww partijiet riġidi għandhom ikunu allinjati mal-pjan.	
	Meta l-vettura tinstaq dritt ġoż-żona ċirkolari deskritta fil-punt 1.5, l-ebda parti minnha ma għandha toħroġ 'il barra minn dak il-pjan vertikali b'aktar minn 0,60m.	
1.6 Id-distanza massima bejn l-assi tal-pern tal-ħames rota u wara tas-semikarru.		12,00 m
1.7 Id-distanza massima mkejla b'mod paralleli mal-assi lonġitudinali tal-ferrovija tat-triq mill-aktar punt estern fuq quddiem tal-parti tat-tagħbija wara l-kabina sal-aktar punt estern fuq wara tal-karru tal-kombinazzjoni, mingħajr id-distanza bejn il-wara tal-vettura żiemel u quddiem tal-karru.		15,65 m
1.8 Id-distanza massima mkejla b'mod paralleli mal-assi lonġitudinali tal-ferrovija tat-triq mill-aktar punt estern fuq quddiem tal-parti tat-tagħbija wara l-kabina sal-aktar punt estern fuq wara tal-karru tal-kombinazzjoni.		16,40 m
2. Il-piż massimu awtorizzat tal-vetturi		
2.1 Il-vetturi li jkunu parti minn kombinazzjoni tal-vetturi		

	2.1.1	Trailer b'żewġ fusien	<b>18-il tunnellata</b>
	2.1.2	Karru bi tliet fusien	24 tunnellata
2.2 Il-kombinazzjoni tal-vetturi			
2.2.1	Ferroviji tat-triq b'ħames fusien jew sitta		
	(a) vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'karru bi tliet fusien	40 tunnellata	
	(b) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'karru b'żewġ fusien jew tlieta	40 tunnellata	
2.2.2	Vetturi artikolati b'ħames fusien jew sitta		
	(a) vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien	40 tunnellata	
	(b) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta	40 tunnellata	
	(c) vettura bil-mutur b'żewġ fusien u b'semikarru bi tliet fusien involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali	<b>44 tunnellata</b>	
	(d) vettura bil-mutur bi tliet fusien u b'semikarru b'żewġ fusien jew tlieta involuta f'operazzjonijiet tat-trasport intermodali	44 tunnellata	
2.2.3	ferroviji tat-triq b'erba' fusien li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusieb u karru b'żewġ fusien	36 tunnellata	
2.2.4	Vetturi artikolati b'erba' fusien li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fusien u semikarru b'żewġ fusien, jekk id-distanza bejn il-fusien tas-semikarru:		
2.2.4.1	tkun 1,3m jew aktar, iżda sa 1,8m	36 tunnellata	
2.2.4.2	tkun aktar minn 1,8 m  Jekk jiġu rrispettati l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-vettura bil-mutur (18-il tunnellata) u l-piż massimu awtorizzat (MAW) tal-fus tandem tas-semikarru (20 tunnellata), u l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, il-piż massimu awtorizzat previst fil-punt 2.2.4.2 għandu jiżdied b'2 tunnellati.	36 tunnellata	
Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi <b><i>bil-mutur</i></b> li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi <b><i>bil-mutur</i></b> bl-emissjonijiet żero, il-piżżejjiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsima 2.2 għandhom jiżdiedu bil-piż addizzjonal tat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata.			
Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi <b><i>bil-mutur</i></b> bl-emissjonijiet żero, il-piżżejjiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.1 u 2.2.2 għandhom jiżdiedu b'4 tunnellati.			

	Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż il-vetturi <b><i>bil-mutur</i></b> bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.3 u 2.2.4 għandhom jiżdiedu b'2 tunnellati.	
	<i>Fil-każ tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi, inkluż it-trejlers jew is-semitrejlers bit-teknoloġija ta' emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsimiet 2.2.1, 2.2.2, 2.2.3 u 2.2.4 għandhom jiżdiedu b'2 tunnellati.</i>	
	<i>Meta aktar minn waħda miż-żidiet għal kombinazzjonijiet ta' vetturi stabbiliti hawn fuq tapplika għal kombinazzjoni ta' vettura waħda, dawk iż-żidiet għandhom japplikaw b'mod kumulattiv.</i>	
2.3 Il-vetturi bil-mutur		
2.3.1	Vetturi bil-mutur b'żewġ fusien għajr il-karozzi tal-linja:	<b>18-il</b> tunnellata
2.3.2	karozzi tal-linja b'żewġ fusien:	<b>19,5-il</b> tunnellata
2.3.3	Vetturi bil-mutur bi tliet fusien:	25 tunnellata
2.3.4	Vetturi bil-mutur bi tliet fusien meta l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,5 tunnellati.	26 tunnellata
2.3.5	Vetturi bil-mutur b'erba' fusien u b'żewġ fusien tas-sewqan meta l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,5 tunnellati.	32 tunnellata
2.3.6	Vetturi bil-mutur b'ħames fusien u b'żewġ fusien tas-sewqan meta l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,5 tunnellati.	40 tunnellata
	Fil-każ ta' vetturi <b><i>bil-mutur</i></b> li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi <b><i>bil-mutur</i></b> bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fil-punti 2.3.1, 2.3.3 u 2.3.4 tas-Subtaqsima 2.3 għandhom jiżdiedu bil-piż addizzjonal tat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata (1).	
	Fil-każ tal-vetturi <b><i>bil-mutur</i></b> bl-emissjonijiet żero, il-piżijiet massimi awtorizzati previsti fis-Subtaqsima 2.3 għandhom jiżdiedu b'2 tunnellati.	
2.4 Il-karozzi tal-linja artikolati bi tliet fusien		28 tunnellata
<b>2.5 Karozzi tal-linja artikolati b'erba' fusien</b>		<b>32 tunnellata</b>

	Fil-każ tal-vetturi <b><i>bil-mutur</i></b> li jaħdmu b'mod alternattiv għajr il-vetturi bl-emissjonijiet żero, <b><i>il-piżżejiet massimi awtorizzati previsti fīs-Subtaqsimiet 2.4 u 2.5jiżdiedu</i></b> bil-piż addizzjonal meħtieġ għat-teknoloġija tal-fjuwils alternattivi sa tunnellata.	
	Fil-każ tal-vetturi <b><i>bil-mutur</i></b> bl-emissjonijiet żero, <b><i>il-piżżejiet massimi awtorizzati previsti fīs-Subtaqsimiet 2.4 u 2.5jiżdiedu</i></b> b'2 tunnellati.	
3 Il-piż massimu awtorizzat tal-fusien tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (b)		
3.1 Il-fusien singoli		
	Fus singolu mhux tas-sewqan	10 tunnellati
3.2 Il-fusien tandem tal-karrijet u tas-semikarrijet		
	It-total tal-piżżejiet tal-fus għal kull fus tandem ma għandux jaqbeż, jekk id-distanza (d) bejn il-fusien tkun:	
3.2.1	inqas minn 1m ( $d < 1,0$ )	<b><i>11-il</i></b> tunnellata
3.2.2	bejn 1,0m u inqas minn 1,3m ( $1,0 \leq d < 1,3$ )	<b><i>16-il</i></b> tunnellata
3.2.3	bejn 1,3m u inqas minn 1,8m ( $1,3 \leq d < 1,8$ )	<b><i>18-il</i></b> tunnellata
3.2.4	1,8m jew aktar ( $1,8 \leq d$ )	20 tunnellata
3.3 Il-fusien tripli tal-karrijet u tas-semikarrijet		
	It-total tal-piżżejiet tal-fusien għal kull fus triplu ma għandux jaqbeż, jekk id-distanza (d) bejn il-fusien tkun:	
3.3.1	1,3m jew inqas ( $d \leq 1,3$ )	21 tunnellata
3.3.2	iktar minn 1,3m u sa 1,4m ( $1,3 < d \leq 1,4$ )	24 tunnellata
3.4 Il-fus tas-sewqan		
3.4.1	Il-fus tas-sewqan tal-vetturi msemmija fil-punti 2.2, 2.3 u 2.4 għajr tal-vetturi bl-emissjonijiet żero	<b><i>11,5-il</i></b> tunnellata
3.4.2	Il-fus tas-sewqan tal-vetturi bl-emissjonijiet żero msemmija fil-punti 2.2.1 u 2.2.2	<b><i>12,5-il</i></b> tunnellata
3.4.3	Il-karozzi tal-linja b'żewġ fusien u bl-emissjonijiet żero	<b><i>12,5-il</i></b> tunnellata
3.4.4	<b><i>Il-karozzi tal-linja bi tliet fusien u b'emissionijiet żero</i></b>	<b><i>12,5-il</i></b> <b><i>tunnellata</i></b>
3.5 Il-fusien tandem tal-vetturi bil-mutur		
	It-total tal-piżżejiet tal-fus għal kull fus tandem ma għandux jaqbeż, jekk id-distanza (d) bejn il-fusien tkun:	
3.5.1	inqas minn 1m ( $d < 1,0$ )	<b><i>11,5-il</i></b> tunnellata
3.5.2	1,0m jew iktar imma inqas minn 1,3m ( $1,0 \leq d < 1,3$ )	<b><i>16-il</i></b> tunnellata
3.5.3	1,3 m jew aktar iżda inqas minn 1,8 m ( $1,3 \leq d < 1,8$ )	<b><i>18-il</i></b> tunnellata

		Meta l-fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u sospensjoni tal-arja jew sospensjoni meqjusa ekwivalenti fl-Unjoni kif definit fl-Anness II, jew meta kull fus tas-sewqan jiġi attrezzat b'tajers doppji u l-piż massimu ta' kull fus ma jkunx jaqbeż id-9,5 tunnellati. <b><i>Fil-każ ta' vetturi bil-mutur b'emissjonijiet zero, it-total massimu tal-piżijiet tal-fus għal kull fus tandem għandu jiż-died b'tunnellata.</i></b>	<b>19-il tunnellata</b>
<b>3.6 Fusien tripli tal-vetturi bil-mutur</b>			
	<b><i>It-total tal-piżijiet tal-fusien għal kull fus triplu ma għandux jaqbeż, jekk id-distanza (d) bejn il-fusien tkun:</i></b>		
	<b>3.6.1</b>	<b><i>inqas minn 1,3m (d &lt; 1,3)</i></b>	<b>21 tunnellata</b>
	<b>3.6.2</b>	<b><i>1,3m jew aktar iż-żda inqas minn 1,8m (1,3 ≤ d &lt; 1,8)</i></b>	<b>24 tunnellata</b>
4.	Karatteristiċi relatati tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (b)		
4.1	Il-vetturi kollha		
	Il-piż merfugħ mill-fus tas-sewqan jew mill-fusien tas-sewqan ta' vettura jew ta' kombinazzjoni ta' vetturi ma għandux ikun inqas minn 25% tal-piż totali mgħobbi tal-vettura jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, meta użati fit-traffiku internazzjonali.		
4.2	Il-ferroviji tat-triq		
	Id-distanza bejn il-fus ta' wara ta' vetura bil-mutur u l-fus ta' quddiem ta' karru ma għandhiex tkun inqas minn 3,00m.		
4.3	Il-piż massimu awtorizzat jiddeppendi <b><i>mill-bażi</i></b> tar-rota		
	Il-piż massimu awtorizzat f'tunnellati ta' vettura bil-mutur b'erba' fusien <b><i>jew b'ħames fusien</i></b> ma jistax jaqbeż ħames darbiet id-distanza f'metri bejn l-aktar fus fuq quddiem u l-aktar fus fuq wara tal-vettura.		
4.4	Is-semikarrijiet		
	Id-distanza mkejla orizzontalment bejn il-fus tal-pern tal-ħames rota u xi punt fuq quddiem tas-semikarru ma għandhiex taqbeż iż-2,04m		